# Iltqajna ma'...

# DUN ANTON VELLA

*1 Kif u fejn għamilt l-istudji tiegħek biex sirt Qassis?*

Kelli sitt snin meta ommi daħħlitni fl-iskola tal-Gvern, din kienet fejn id-dar tagħna. F'dak iż-żmien ftit kienu t-tfal li kienu jattendu l-iskola, billi ma kenitx obligatorja. Meta spiċċajt std. 5 xtaqt li nidħol is-Seminarju. Iżda dak iż-żmien is-Seminarju kien magħluq u ma kienx jeżisti ħlief is-Seminarju Maggiore u għalhekk mort il-kulleġġ S. Alwiġi ta' B'Kara fil-Form I. Inti m'għandekx idea t-tbatijiet li batejt f'dik is-sena. Għaliex ma kien hawn xejn biex tmur B'Kara. Ta' kull filgħodu kont nitlaq bil-mixi u nirritorna fl-4.00 p.m. bil-mixi. Dan ukoll fil-ġranet talmaltemp. Kont ngħaddi minn Ħaż-Żebbuġ għall-Wied u hekk nasal B'Kara.

Għeluq is-sena tlabt 'l missieri biex idaħħalni f'xi skola l-Belt. Għalkemm kien hemm kull filgħodu l-karrozzini u wara nofsinhar kont nasal bit-tram sa Ħaż-Żebbuġ. Għalhekk dħalt fis-St. Paul's School fil-Form II. Mort tajjeb hawnhekk, iżda ħafna drabi t-tram ma kienx jaħdem għax spiss kienu jagħmlu strajk u għalhekk kien ikolli niġi bil-mixi mill-Belt. Darba waħda kien strajk u allura kont ġej bil-mixi. Kien dalam sewwa x'ħin wasalt fejn it-telgħa qabel ma titla' s-Siġġiewi. It-triq kienet dejqa u kien hemm ħafna siġar tal-ħarrub. Jaqbżu fuqi erba' rġiel u qaluli biex nagħtihom li għandi. Jiena pront tajthom il-kotba u tlett soldi tat-tram. Iżda huma fehmu li għamlu pass ħażin, u għalhekk ħallewli ħollox u ħallewni nkompli tiela' bil-kwiet. Dakinhar iddeċidejt li ma nkompliх nistudja. Iżda ommi tant daret bija u tant kellha kliem sabiħ li komplejt nistudja. Emminni, ma nixtieqx ninsa, li filgħaxija malli kont ninżel mit-tram Ħaż-Żebbuġ, kont niltaqa' ma' xi ħmistax-il raġel mis-Siġġiewi li kienu jaħdmu t-Tarzna. Dawn kienu jiġu madwari, iqegħduni f'nofshom u malli noħorġu minn Ħaż-Żebbuġ kienu jgħiduli biex nibdielhom ir-Rużarju. F'għeluq it-tielet sena s-Seminarju ż-żgħir infetaħ u għalhekk dħalt fit-Terza intern. Fis-sena 1925 tajt il-matrikola u għaddejt minn kollox. Imma, dak iż-żmien il-kors kien jibda kull tlett snin. Jiena kelli nistenna sentejn biex nibda l-kors universitarju. Għalhekk għamilt ħsieb li nagħti l-eżami taċ-Civil, u bdejt nipprepara ruħi.

Imma dak iż-żmien kien hawn il-kuġin tiegħi Malta, Patri Daniel Callus O.P. li kien professur l-Università u ħeġġiġni li mmur nistudja barra minn Malta biex ma nitlifx sentejn ma nagħmel xejn. Hawnhekk nara t-tjubija ta' Alla miegħi. Patri Daniel ġie d-dar, u ħaġa tal-għaġeb missieri u ommi ħallewni nsiefer. U hekk fis-sena 1926 bdejt l-istudji tiegħi barra. Jiena ma kontx naf li trid tkellem lill-Arċisqof u trid il-permess tiegħu u għalhekk mort Ruma għand il-Patrijiet Dumnikani biex isibuli post huma.

Hemmhekk sibt Patri li ħadni f'post tal-freres fejn kienu jiltaqgħu xi 800 ġuvni. Meta domt xi tmint ijiem deherli li ma kienx il-post addattat għalija.

Għalhekk mort l-Università Gregorjana u tlabt lir-Rettur, Padre Gianfranceschi li jdaħħalni hemmhekk. Malli ra ċ-ċertifikat tal-matrikola, aċċettani. Din l-Università hija ta' kobor immens u konna nistudjaw fiha madwar 3,500 student u konna ta' 70 nazzjon differenti. Din hija mmexxija mill-Patrijiet Ġiżwiti.

Issa bdejt infittex xi kulleġġ Ekkleżjastiku. L-ewwel ma mort kien il-Kulleġġ Ingliż. Ir-Rettur aċċettani, iżda x'ħin qalli s-somma li ridt inħallas fis-sena, somma enormi, ma stajtx naċċetta. Intant mort f'ħafna kulleġġi, ħafna minnhom aċċettawni iżda ma tajthomx kelma li mmur. Kienu għaddew xi ħmistax u ġurnata waħda nara deħlin il-Franċiżi, eleganti u fuq ruħhom u għamilt ħsieb li nidħol magħhom. Għalhekk staqsejt lil wieħed minnhom x'ħin inkun nista' nkellem lir-Rettur u dan qalli nhar ta' Ħadd fl-10.30 a.m.

*(Ikompli f'paġna 26)*

## DUN ANTON VELLA

*(Jaqbad ma' paġna 19)*

Għalhekk l-ewwel Ħadd mort il-Kulleġġ Franċiż fil-10.30 a.m. u tlabt lir-Rettur biex idaħħalni l-Kulleġġ Franċiż.

X'ħin għedtlu għalfejn mort, irrispondieni li ma jistax ikun għaliex hemmhekk Franċiżi biss jaċċetta. Il-Kulleġġ kien hemm 205 u dawn kienu jibgħatuhom l-Isqfijiet tagħhom mill-aħjar studenti li kien ikollhom. Jiena, allura, għedtlu li kont rajthom deħlin l-Università u l-mod ġentili tagħhom saħħarni u għalhekk xtaqt nidħol magħhom. Ir-Rettur, meta għedtlu dan il-kliem qalli: "idħol hawn illum stess. Mur ġib il-bagalji tiegħek u idħol magħna."

Kien ili xi xahar is-Seminarju Franċiż, aħna għas-siegħa ta' wara nofsinhar, wara l-pranzu, konna soltu nitilgħu fuq il-bejt (il-Franċiżi kienu jsejħulha l-Loggia) nippassiġġaw. Din kienet kbira ħafna. Fis-siegħa u l-ħin, jitla' hemmhekk ir-Rettur flimkien ma' l-Arċisqof Mgr. Mauru Caruana. Jien malajr ħallejt lil sħabi u mort inbus l-id ta' l-Arċisqof. Dan ħares lejja u bi kliem daqsxejn eċitat qalli "Mr Vella, qatt ma ssoponejt li inti titlaq minn Malta . . . u tiġi tistudja hawnhekk mingħajr ma tgħidli!" Jiena dak il-ħin indunajt li kont għamilt żball, għax ma kontx għedt xejn lill-Arċisqof. Għalhekk biddmugħ f'għajnejja tlabtu jaħfirli għax kif ġew l-affarijiet lili ħasduni u l-Arċisqof bid-daħka qalli "kompli hawn . . . qis li tkun ta' ġieħ lil Malta!" Ta' kull sena meta kont nirritorna Malta, kont infakkarhielu lil Mgr. Arċisqof.

Hekk komplejt nistudja fl-Università Gregorjan u kont alloġġjat fil-Kulleġġ Franċiż. Nirringrazzja lis-Sinjur, il-Franċiż tgħallimtu tajjeb u f'għeluq xahar għamilt l-ewwel konferenza bil-Franċiż.

Ma nixtieqx inħalli barra wieħed mill-aktar avvenimenti koroh li ġrali hawnhekk.

Konna fix-xahar ta' Ġunju, l-eżami ta' l-ewwel sena kont għadni nispiċċah. Wieħed Franċiż tampari Mr. De Guilhemier kien qiegħed jistennieni. Morna flimkien is-Seminarju. X'ħin dħalna nsibu lir-Rettur qiegħed jippassiġġa fil-bitħa. Malli rani ġie jgħaġġel għal ħdejna u qalli, Mr. Vella għandi telegramm għalik. Jiena lanqas ħlaħt nitkellem. Taħuli u nsib miktub "VENITO PRESTO" bil-Malti "EJJA MALAJR". L-arloġġ kien jimmarka l-4.30 p.m. F'dak iż-żmien ma kienx hawn ajruplani, u l-ferrovija kienet titlaq darba kuljum fil-5.00 p.m. Tistgħu taħsbu kif bqajt issummat. Ma stajtx nitlaq ħlief l-għada. L-għada għat-3.00 p.m. tlaqt mis-Seminarju biex niġi Malta. Trid tara kemm Franċiżi ġew iwassluni sal-ferrovija. L-għada (jiġifieri jumejn wara) f'nofsinhar kont qiegħed Catania. F'daqqa waħda tani li nibki u kwantità ta' dmugħ niżel ma' ħaddejja, tant li kelli mmur fid-W.C. biex ninsatar. Dak il-ħin miet missieri. Wasalna Malta l-għada filgħodu. Ġew qassisin u ħbieb tiegħi jilqgħuni. X'ħin wasalt id-dar, ħareġ il-funeral billi missieri kien miet f'nofsinhar, fil-ġurnata ta' qabel.

Għamilt il-kors tal-Filosofija u ħadt il-lawrja u wara erba' snin ħadt il-lawrja tat-Teoloġija. Kont biħsiebni nkompli nistudja u hekk ħadt il-baċellerat tad-Dritt Kanoniku. Iżda, meta miet missieri waqt li kont Ruma, ommi kienet marida ħafna. U għalhekk ġejt Malta.

O Sinjur Alla, kemm nirringrazzjak. Kemm kont tajjeb miegħi! Kif nista' npatti għal tant tjubija tiegħek!

***2. Kemm-il sena ilek Qassis, u x'kien li ġiegħlek tagħmel dan il-pass?***

Jiena ġejt ordnat saċerdot f'd-29 ta' Settembru, 1931. Kelli 23 sena. Jiġifieri ili 54 sena saċerdot. Minn meta kont żgħir kont inħoss ix-xewqa li ngħix għal Alla. Ma rridx li taħseb li ma kellix tentazzjonijiet kbar, li minn xi daqqiet ħawwduni, iżda bl-għajnuna ta' Alla u bl-interċessjoni tal-maħbuba Omnma Marija Santissima irbaħthom. Ir-Rużarju dejjem għidtu bil-qalb u kwarta meditazzjoni għamiltha kuljum.

*3. Liema kien l-aktar mument sodisfaċenti fil-ħajja saċerdotali tiegħek u għaliex?*

L-akbar u l-aktar mument sodisfaċenti fil-

*(Ikompli f'paġna 44)*

## DUN ANTON VELLA

*(Ikompli minn paġna 26)*

ħajja saċerdotali tiegħi kien dak inhar li ġejt ordnat Saċerdot, waqt li kont qiegħed nirrepeti ma' l-Eċċ. Tiegħu Mgr. Arċisqof, il-kelmiet tal-KONSAGRAZZJONI. "Dan hu Ġismi" — "Dan hu Demmi". Dak il-ħin ħassejt li l-Omnipotenza ta' Alla tat is-setgħa kbira tagħha lil ilsieni biex jiġġedded il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.

*(Ikompli f'ħarġa oħra)*

## ILTQAJNA MA' . . .

# DUN ANTON VELLA

*(ikompli mill-ħarġa ta' Ġunju 1985)*

4. *Nafu li bejnek u bejn l-Azzjoni Kattolika hemm ċerta rabta. X'tista' tgħidilna?*

Kienet l-ewwel sena tas-Saċerdozju tiegħi — jiġifieri nhar il-festa tar-Rużarju tassena 1932 — meta wara l-purċissjoni jiena u sejjer id-dar, waqaft ftit fuq iz-zuntier u iltqajt mas-Sur Karm Vella (RIP) u ħajjarni li nibdew l-Azzjoni Kattolika. Dak iż-żmien ma kienx hawn ħlief xi erba' Ċirkoli mqassmin ma' Malta. Għoġbitni ħafna l-idea. Jiena kelli xi ħmistax il-tifel ngħallimhom il-kant tal-Knisja għal waqt l-Ora Santa. Għalhekk tlabt il-W. Rev. Kappillan li jippermettilna nużaw il-lok tal-Knisja li dak iż-żmien kien post imħarbat u li fih kienu iqedu xi armar tal-festa. Niftakar l-ewwel ma tani kienet il-kamra t'isfel u l-kamra ta' mat-taraġ. Għamilt sejħa lil Ġuvintur biex jingħaqdu miegħi. Bħala President ġie magħżul is-Sur Karm Vella. Wara tana s-sala għall-konferenzi. Kont ngħamlilhom tliet konferenzi fil-Ġimgħa (jiġifieri, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa- fis-7.30 p.m. It-tfal kont nagħmilhom duttrina kuljum fis-6.00 p.m. Nhar ta' Ħadd kont noħodhom passiġġata miegħi. Nhar ta' xogħol lit-tfal kont nagħmlilhom il-Quddiesa kuljum għand is-Sorijiet. Ġuvintur inġabru 80, u għalhekk anke rġiel bdejt indaħħal. Sadanittant bdejna nirranġaw isfel. L-ewwel ma għamilna rranġajna bil-madum l-entrata, imbagħad irranġajna l-kamra tal-bir u l-bitħa.

Sadanittant bdiet il-gwerra (1939) il-post ħaduh għar-rifuġjati. Aħna bqajna niltaqgħu fl-Oratorju.

Kelli ħafna mill-aspiranti li ħallew kollox u saru patrijiet. Insemmi fost dawn Patri Pawl Aquilina S.J., Patri Ġużeppi Schembri S.J., Patri Paskal Delia O.F.M.Cap., eċċ.

Għal ħabta tal-1952 iċ-Ċirkolu kien fih għaxqa. Iżda mbagħad bnew is-sala — jien għajjejt — u ħallejt iċ-Ċirkolu.

5. *Kemm u kif kien il-kontribut letterarju tiegħek għat-tagħlim tal-Katekiżmu?*

Fl-1951 stampajt "IL-KREDU". Dan il-ktieb swieli ħafna xogħol, għaliex ma kull risposta hemm il-pass ta' l-Iskrittura li tipprova dak li qiegħed tgħid.

Fit-28 t'April 1954 stampajt "IL-KATEKIŻMU" għat-tfal. Dan il-ktieb fih 30 lezzjoni — fih stampi f'kull lezzjoni u fih mistoqsijiet speċjali biex it-tfal jifhmu tajjeb dak li qiegħed tgħallimhom. Dan huwa maħsub għat-tfal li jkunu telgħu Std. I (illum Cl III) jiġifieri jkun jafu jaqraw xi ftit.

Hawnhekk kelli nieqaf għax tani attakk tal-Pressjoni għolja. Kont gravi ħafna. Domt aktar minn xahar l-isptar. Wara ġrali li l-memorja spiċċatli u ma kontx kapaċi nikteb iżjed.

6. *F'din is-sena Nternazzjonali taż-Żgħażagħ, x'inhu l-Appell tiegħek għalina ż-żgħażagħ?*

(i) il-virtù l-iżjed li tispikka fiż-żgħożija hija l-IMĦABBA. Għalhekk ngħidilkom li għandkom tħobbu lil kulħadd u aħfru dejjem mill-qalb. Iżda għandna noqogħdu attenti li aħna m'għandniex nużaw l-istess imħabba għal kulħadd. Hawn ħafna li jixtiqulkom id-deni, li jixtiequ jużaw l-imħabba tagħkom biex jagħmlukom ilsira. Għandkom tagħmlu attenzjoni kbira għalihom. Għalhekk attenti dejjem għal purezza ta' qalbkom . . . min igħid kliem diżonest, min juża kunfidenza żejda magħkom . . .aħarbuh u tagħmluhiex miegħu, għalkemm intom tibdew tħobbuh.

(ii) fittxu li jkollkom konfessur wieħed li miegħu tafdaw qalbkom . . . kull tmien t'ijiem fittxu li tkellmuh, afdaw miegħu s-sigrieti ta' qalbkom. Dan ifittex li jgħinkom żgur.

(iii) almenu fittxu li tqerru kull tmien t'ijiem u titqarbnu wkoll kull tmien t'ijiem.

(iv) aħarbu s-suppervja . . . din jekk ma toqogħdux attenti taħkimkom . . . u tirrendikom ilsira tagħha.